**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Diċembru, 2024

Rikors Ġuramentat: 134/23AL

**AB**

**vs.**

**Dr Mark Mifsud Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer appuntati permezz ta' digriet tat-30 ta' Ġunju 2023 bħala Kuraturi Deputati biex jidhru għan-nom tal-assenti CD**

**(M.R. Nru. 1549/2022)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur tal-25 ta' Mejju 2023[1] li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 1.

*1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata CD ta' nazzjonalita' Filippina nhar it-2 ta' Gunju 2022 gewwa Ateni u dan skont l-anness vera kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;*

*2. Illi minn dan iz-zwieg ma twildux ulied;*

*3. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tort unikament tal-intimata li abbandunat lil zewgha wara erba' xhur miz-zwieg taghhom u tant hu hekk li r-rikorrenti m'ghandu ebda ideja ta' fejn din tista' tkun stante li abbandunat is-saqaf konjugali fejn kienet tirrisjedi ma` zewgha ossia r-residenza Sydney, Triq ir-Rumi, Marsaskala;*

*4. Illi għalhekk l-intimata irrendiet ruhha hatja versu r-rikorrenti ta' abbandun;*

*5. Illi għalhekk il-hajja konjugali tal-partijiet ma baqghetx iktar possibli ghal ragunijiet validi skont il-ligi u m'hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;*

*6. Illi r-rikorrenti ipproċeda bil-proċedura ta' medjazzjoni, li ġiet magħluqa minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif jirriżulta minn 'Dok B' anness;*

*7. Illi ma hemm l-ebda assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

*8. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata kif fuq inghad u minħabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba abbandun da parti ta' l-intimata;*

*2. Tawtorizza lir-rikorrenti jghix separatament mill-intimata;*

*3. Tordna li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tigi xolta;*

*4. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-separazzjoni personali tal-partijiet biex din tigi registrata fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa hija ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat kopja tal-ittra[2] li biha l-attur talab il-Qorti tappunta medjatur sabiex ikun awtorizzat imexxi b'kawża u li fiha ddikjara li l-istess ittra qed tiġi maħlufa *stante* li huwa ma jafx fejn hi martu u m'għandux ebda kuntatt magħha;

Rat id-digriet tal-14 ta' Marzu 2023[3] fejn ġiet dikjarata magħluqa l-medjazzjoni u fejn il-Qorti awtorizzat lill-attur jipproċedi b'rikors ġuramentat skond l-Artikolu 930 tal-Kap 12.

Rat ir-rikors tal-25 ta' Mejju 2023[4] fejn l-attur jgħid li in vista tal-fatt illi m'għandux idea fejn tista' tkun martu l-konvenuta, huwa jitlob illi jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tagħha;

Rat id-digriet tat-30 ta' Ġunju 2023[5] li bih il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta assenti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati li huma ntavolaw fl-4 ta' Diċembru 2023[6] fejn issottomettew li għalkemm huma ma humiex edotti mill-fatti kollha tal-każ jiddikjaraw li huma qed jopponu għat-talbiet b'riżerva għal eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat illi d-difensur tal-attur ma jopponix għall-preżentata ta' din ir-risposta;

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 8
[4] Fol. 11.
[5] Fol. 9.
[6] Fol. 30.

Rat il-verbal tal-10 ta' Jannar 2024[7] li bih il-Qorti ħatret lil Dr Marita Pace Dimech bħala assistent ġudizzjarju bis-soliti poteri u fakoltajiet;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda mressqa mill-attur;

Rat illi l-Kuraturi Deputati ddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu;[8]

Rat l-atti kollha proċesswali;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza; [9]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur jitlob illi tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba abbandun *da parti* tagħha, tawtorizza lill-attur jgħix separatament minn martu, tordna li tkun xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tordna li tiġi reġistrata s-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Kuraturi Deputati jissottomettu li ma humiex edotti mill-fatti.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenuta:*

L-attur jixhed permezz ta' affidavit intavolat waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2024[10] fejn jgħid li huwa żżewweġ lill-konvenuta ta' nazzjonalità

[7] Fol. 35.
[8] Verbal tas-16 ta' Mejju 2024 a fol. 43.
[9] Verbal tas-16 ta' Mejju 2024 a fol. 43.
[10] Fol. 38.

Tajlandiża nhar it-2 ta' Ġunju 2022 ġewwa Ateni, u rreġistra ż-żwieġ tiegħu hawn Malta. Jgħid li kien iltaqa' magħha *online*. Jgħid li meta żżewwġu marru joqgħodu fir-residenza tiegħu bl-indirizz *Sydney, Triq ir-Rumi, Marsaskala.*

Jgħid li sfortunatament mil-ewwel bdew bil-problemi għaliex il-konvenuta bdiet titolbu l-flus il-ħin kollu, anke sommom kbar ta' eluf ta' Ewro u nduna li qed tibgħat il-flus barra minn Malta u qaltlu li trid tixtri dar it-Tajlandja. Jgħid li hu rrifjuta li jagħtiha dawk il-flus. Jgħid li bdiet taħdem billi tagħmel il-pupi tal-*Playmobil* id-dar u li kienet taqla' kienet iżżommu għal ħtiġijiet tagħha għalkemm jgħid li huwa qatt ma żammha nieqsa mill-flus. Jgħid iżda li ma kienx riedha tibni dar barra minn Malta minn fuq dahru. Jgħid li fix-xhur li kienu flimkien kien xtralha msielet tad-deheb, arloġġ, ċurkett u ċappetta tad-deheb.

Ikompli li meta beda jirrifjuta li jagħtiha l-flus bdiet issir vjolenti tant li darba ħebbet għalih b'mus li bih kienet tiftaħ il-boroż u l-kaxxi tal-*Playmobil* u dakinhar għamlu rapport kontra xulxin u hi keċċietu minn daru stess u nduna li ma setgħax jafdaha iktar.

Jgħid li dakinhar stess ta' din il-ġlieda qatalha biljett biex tmur lura pajjiżha iżda li mbagħad skopra mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija li baqgħet tirrisjedi hawn Malta iżda li ma għandux idea fejn tista' tkun.

Jgħid li huwa nduna li żżewwġitu għall-flus u li meta kienet tirritorna d-dar wara li tmur ħdejn sħabha kienet tkun mimlija kontrih u toqgħod titolbu l-flus. Jgħid li kienet issajjar għaliha biss u jaħsel il-ħwejjeġ tagħhom it-tnejn hu. Jgħid li nduna li kien għamel żball kbir u minn dak iż-żmien marad serjament.

Fl-istess seduta huwa jixhed illi fiż-żwieġ huma ma xtraw xejn u li hu kien xtralha xi imsielet u arloġġ u ċappetta u tahomlha. Jgħid li ma kellhomx flus imġemmgħin flimkien u li, li kienet taqla' hi kienet tieħdu hi u li hu ma jaħdimx.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur iressaq is-segwenti provi:*

1. *__Ix-xhieda ta' Anthea Fenech ossia n-neputija tal-attur li tixhed permezz ta' affidavit intavolat waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2024__*[11] li tgħid li l-attur jiġi n-nannu tagħha u tgħid li hi toqgħod qrib in-nannu tagħha u huma *close*. Tgħid li n-nannu tagħha kien imur għat-te għand ommha u għalhekk kienet tiltaqa' miegħu spiss. Tgħid li l-konvenuta kienet tibqa' barra u ma kinitx tkun trid tidħol.

   Tgħid li kienet ovvja li ma kinitx interessata fir-relazzjoni man-nannu jew fiż-żwieġ u ma kien hemm ebda komunikazzjoni, anzi ġieli kienet toqgħod tagħmel il-mossi minn warajh biex tipprova twaqqgħu għaċ-ċajt u tgħid li ndunaw li kienet miegħu għall-flus. Tgħid li darba indunat (minn *google translate)* li kienet qed tgħid li lin-nannu ma ddumx ma titfgħu ġo residenza għall-anzjani. Tgħid li darba qrat il-messaġġi li kienet tibgħat lil sħabha u kien hemm miktub li hi riedet tibqa' tgħix ġo daru wara li hu jmur dar tal-anzjani. Tgħid li l-skopijiet tagħha kienu saru ovvji wisq. Meta raw il-messaġġi ta' sħabha raw li kien hemm min qalilha biex tissaporti ftit minħabba l-flus.

   Tgħid li meta l-konvenuta u n-nannu tagħha ġġieldu hu qatalha biljett tal-ajru u kellha twassalha hi l-ajruport iżda li f'nofs ta' triq il-konvenuta talbitha biex teħodha għand ħabibtha u fil-fatt waslitha hi stess għand ħabiba tagħha u minn dakinhar 'l hemm ma rathiex iktar u meta ppruvat iċċemplilha l-konvenuta ma rrispondithiex.

Min-naħa l-oħra l-Kuraturi Deputati ma jġibu l-ebda prova. Mill-atti jirriżulta li għamlu tentattiv biex isibu lill-konvenuta billi bagħtu ittra għall-iktar informazzjoni lill-*Philippine Honorary Consulate* ġewwa Malta.

*__Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:__*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

[11] Fol. 38.

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**[12], fejn il-Qorti tgħid dwar iż-żwieġ illi: "*25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*"

F'każ illi tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra, Artikolu 36 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."*

Tajjeb li jiġi nutat illi l-Avviż Legali 397 tal-2003 ma jsemmi xejn rigward x'għandu jiġri meta waħda mill-partijiet tkun assenti minn Malta, u huwa proprju għalhekk li l-prassi addottata minn din il-Qorti hija illi meta tkun rinfaċċjata b'tali sitwazzjoni tagħti l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex tinbeda l-azzjoni legali għall-firda personali bil-patt u l-kundizzjoni illi: (i) l-ittra għall-medjazzjoni tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-persuna li tkun talbet il-medjazzjoni u ddikjarat li l-parti l-oħra tinsab assenti kif għamel l-attur f'dan il-każ, u (ii) wara li jinħarġu l-bandi għall-kuraturi *ai termini* tal-Artikolu 931 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ma jkun deher ħadd għall- kurażija, jinħatru kuraturi deputati u dan sabiex fi kwalunkwe każ l-interessi tal-persuna assenti jkunu xorta waħda salvagwardjati kif ġara fil-każ odjern.

Il-liġi tkompli billi tispeċifika raġunijiet li għalihom wieħed jista' jitlob firda taż-żwieġ.  Ir-raġunijiet li abbażi tagħhom tista' tintalab is-separazzjoni huma: (i) Artikolu 38 li jitratta l-adulterju, (ii) Artikolu 40 li jitratta eċċessi, moħqrija, theddid u nġurji gravi, u (iii) Artikolu 41 li jitratta l-abbandun.

*"38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* u

[12] Deċiża fit-30 Ottubru 2015.

*"40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

*Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[13] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[14] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, "*Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi*" u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*", filwaqt li ġew definiti bħala li "*jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz*", rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru "*att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra*". Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi "*Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*".[15] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[16] "*il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad,*

[13] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[14] Deċiża mill- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru 1677/1995/RCP).
[15] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[16] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

*"huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha*"[17]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ*".

Artikolu 41 tal-Kap 16 imbagħad jgħid kif ġej:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

L-attur jaddebita lill-konvenuta il-ħtija tas-separazzjoni fost l-oħrajn minħabba abbandun min-naħa tagħha wara biss ftit xhur ta' żwieġ. Hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe*[18]** fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti lill-oħra mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed...*" u "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."

Fil-kawża **Andrea Avellino vs Regina Avellino[19]**, insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"

---

[17] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[18] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 1961.
[19] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Diċembru, 1949.

Għalhekk dan l-aggravju jirrikjedi li jiġu ppruvati ċerti kundizzjonijiet. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jiġi kkonfermat huwa ta' sentejn iżda mhux biss – l-intenzjoni trid tkun ċara li ma hemmx ħsieb ta' ritorn u li hemm il-*voglia* li dak li jkun jabbanduna ż-żwieġ.

*__Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern__*:

Il-Qorti rat illi l-provi f'din il-kawża huma ferm skarsi, għaliex l-uniċi provi li ġew mressqa huma l-affidavits tal-attur, madanakollu u ġialadarba l-verżjoni tal-attur ma ġiet bl-ebda mod kontradetta, il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex ma temminx lill-istess attur u *ċioé* illi dan iż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

Jirriżulta mix-xhieda tal-attur u n-neputija tiegħu, li l-Qorti tħoss li huma affidabbli, li l-konvenuta ma wriet bl-ebda mod li trid tgħix il-ħajja miżżewwġa bl-obbligi kollha li din iġġib magħha. Il-partijiet iltaqgħu *online* u l-Qorti ma jirriżultaliex kemm kien ilhom flimkien madanakollu kif tgħid in-neputija, hija kienet tifhimha biss minn *google translate* jiġifieri r-relazzjoni tagħha mal-attur ma setgħetx kienet waħda ta' wisq komunikazzjoni. In-neputija tgħid "*Kien l-unika mod li kont nuza sabiex nikkomunika maghha.*" Fil-fatt hi tgħid li ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom u bil-kemm ma kinitx ukoll iżżebilhu meta kienet tagħmel mossi minn warajh. Meta kienu jmorru għandhom qas kienet tidħol ġewwa. Tgħid ukoll li ġieli rat messaġġi li l-konvenuta kienet tibgħat lil sħabha fejn kienet tindika li ser tibgħat lill-attur f'residenza tal-anzjani.

L-attur minn naħa tiegħu jgħid li beda jinduna li qiegħda miegħu għall-flus għaliex bdiet titolbu flejjes kbar u mhux għall-ħajja ta' kuljum. Jgħid li hu kien iżommha komda, ma jonqosha xejn iżda hi riedet flejjes kbar biex tixtri proprjetà t-Tajlandja u hu dan ma xtaqx li tagħmlu minn wara daru. Dan baqa' jseħħ sakemm indunat li l-attur qed jirrifjuta li jtiha l-flus li probbabilment kienet pjanat li tisħol mingħandu u ħebbet għalih bil-mus li kienet tużaħ biex tiftaħ il-pakketti u l-kaxxi tal-*Playmobil*. Hemm l-attur induna li ma jistax jafdaha u kien hu stess li xtralha biljett biex tmur lura f'pajjiżha. Minn dakinhar ma rahiex iktar iżda n-neputija tixhed li huma u sejrin l-ajruport, għaliex dakinhar kienet hi li wasslitha, il-konvenuta

talbitha biex twassalha għand ħabiba tagħha minnflok u minn dakinhar ma kellhom l-ebda kuntatt iktar magħha.

Kif intqal iktar il-fuq is-separazzjoni motivata mill-abbandun trid tissodisfa żewġ kriterji u *ċioé* illi l-abbandun (i) itul sentejn u li (ii) l-abbandun ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn.

Il-Qorti tosserva li l-ewwel rekwiżit li trid il-liġi ma jirriżultax. L-attur iżżewweġ fit-2 ta' Ġunju 2022 u jgħid li l-konvenuta telqet erba' xhur wara u għalhekk kien madwar Settembru 2022. Huwa mbagħad intavola l-kawża fil-25 ta' Mejju 2023 u għalhekk miż-żmien (ma ġietx speċifikata data) li jgħid li meta l-konvenuta telqet kienu għaddew biss madwar seba' (7) xhur. Għalhekk ir-rekwiżit ta' sentejn ma ġiex pruvat u għalhekk l-abbandun li trid il-liġi ma jirriżultax. Kif tgħid il-ġurisprudenza, lanqas ma jista' jikkostitwixxi inġurja gravi għaliex "*jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."[20] Għaldaqstant it-talba sabiex jiġi dikjarat l-abbandun saret b'mod prematur.

Madanakollu l-Qorti tħoss li l-kawża vera tat-tifrik taż-żwieġ minn dak li rriżulta mill-atti ma kienx l-abbandun iżda l-fatt illi l-konvenuta ma bniet l-ebda relazzjoni ma' l-attur u fil-fatt kienet biss qed tużah għal skopijiet tagħha. Hija mbagħad telqet għaliex kien hemm ġlieda bejniethom u l-attur stess qatalha l-biljetti biex tagħmel dan. L-attitudni tagħha waqt iż-żwieġ qasir ta' bejn il-konjuġi fil-fatt wassal biex l-attur stess ma ridhiex iktar f'daru. L-attitudni tagħha ta' żeblih u anke l-fatt li użat lill-attur biex tagħmel akkwist finanzjajru u kienet anke vjolenti miegħu, iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-konvenuta kienet ħatja ta' sevizzi u offiżi gravi fil-konfront tal-attur li wasslu biex kissru ż-żwieġ.

Għaldaqstant il-Qorti tirreleva illi l-konvenuta irrendiet ruħha ħatja tat-tkissir taż-żwieġ minħabba sevizzi u offiżi gravi fil-konfront tal-attur.

[20] Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe.*

3. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva illi ġaladarba l-partijiet iżżewġu nhar it-2 ta' Ġunju 2022, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tal-Istess*

Il-Qorti tara li skont l-attur, il-partijiet ma akkwistaw l-ebda mobbli jew immobbli matul iż-żwieġ, u b'hekk ma hemm xejn x'jiġi likwidat, diviż u assenjat. Tali verżjoni ma tinsabx kontradetta mill-konvenuta assenti. Magħdud ma' dan, mill-atti ma jirriżultax li ssir referenza għal xi assi oħra parafernali li għandhom jiġu assenjati lill-attur.

Din il-Qorti tqis għalhekk illi kwalunkwe faċilitajiet bankarji jew kont bankarju meħuda mill-partijiet qabel iż-żwieġ jew waqt iż-żwieġ għandhom ikunu a karigu assolut ta' dik il-parti li fuqha huwa reġistrat. Assi parafernali jibqgħu jappartjenu lil konjuġi f'ismu jew isimha. Illi di piu, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalità li parti jew oħra għamlet jew daħlet għal xi djun jew krediti oħra, anke jekk fiż-żwieġ, dik il-parti li tkun daħlet f'dana l-obbligu għandha b'mod esklussiv tagħmel tajjeb hi għal dan id-dejn, krediti u/jew obbligu.

**Deċide:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta speċifikament sevizzi u offiżi gravi;

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attur jgħix separatament mill-konvenuta u tiddikjara li d-dar bl-indirizz *Sydney, Triq ir-Rumi, Marsaskala* mgħandiex titqies bħala d-dar matrimonjali, u li ghandu jgħix fiha l-attur *ad eskluzjoni* tal-konvenuta;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tiddeċiedi skont il-provvedimenti tat-tielet (3) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

4. Tiddeċiedi dwar ir-raba' talba billi tawtoriżża lill-partijiet sabiex jirreġistraw din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenuta assenti, filwaqt li l-ispejjeż tal-kuraturi deputati jitħallsu mill-attur, bi dritt ta' rivalsa għar-rifużjoni tagħhom fil-konfront tal-konvenuta assenti.